MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 140/2007

**Kawża Nru: 26**

**A**

**-vs-**

**B et**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-29 ta' Marzu, 2007 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett u bil-ġurament tagħha kkonfermat u ddikjarat:

1. Illi r-rikorrenti u l-intimat B żżewġu fl-24 ta' Lulju, 1993, u minn dan iż-żwieġ twieled E fit-22 ta' Marzu, 1996;

2. Illi l-konjuġi A u B sseparaw *de facto* minn xulxin fl-1999, filwaqt illi l-proċeduri tas-separazzjoni legali għadhom pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti (Ċit. Nru: _________);

3. Illi apparti l-minuri fuq imsemmi, l-attriċi A kellha tifla, C, illi twieldet fid-19 ta' Jannar, 2007, u dana minn relazzjoni ma' D;

4. Illi kif jirriżulta mill-Att ta' Twelid li jġib in-numru progressiv ________, hawn anness u mmarkat Dok. DM1, it-tifla, u *cioe'* C, ġiet reġistrata bħala bint il-konvenut B, mentri fil-fatt, l-imsemmija minuri m'hijiex it-tifla naturali tal-konvenut B, u dan peress illi fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri C, kien hemm impossibbilta' fiżika da parti ta' l-attriċi li tgħammar ma' żewġha B, li kien fiżikament 'il bogħod minnha u *inoltre* li kienu ilhom separati *de facto* minn ma' xulxin għal aktar minn seba' snin.

Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, m'għandhiex taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tiddikjara li għall-finijiet u effetti tal-liġi, il-konvenut B m'huwiex il-missier naturali tal-minuri C, u dan *occorrendo* bl-opra ta' esperti mediċi nominandi.

2. Tordna lill-konvenut jagħmel l-emendi jew korrezzjonijiet fl-Att ta' Twelid tal-minuri C, li jġib in-numru progressiv _______, b'dan illi fil-kolonni li fihom id-dettalji ta' missier it-tarbija jitneħħa isem il-konvenut B, u minflok jitniżżel isem il-missier naturali, u *cioe'* D.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma nġunti għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Kuraturi Deputati, ippreżentata fid-19 ta' Settembru, 2007, li

permezz tagħha esponew bir-rispett u ddikjaraw bil-ġurament:

(a) Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u għalhekk huma qegħdin jirriżervaw id-dritt li jippreżentaw risposta motivata fi stadju ulterjuri.

(b) Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fl-1 ta' Ottubru, 2007, li permezz tagħha espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma s-segwenti:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għall-ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jeħtieġ illi r-rikorrenti tipprova l-impossibbilta' fiżika bejn il-konjuġi, u *cioe'* bejn l-intimat B u bejnha.

3. Illi r-rikorrenti għandha tispeċifika d-dettalji personali kollha ta' l-allegat missier naturali, u *cioe'* ta' l-intimat D sabiex jekk it-talbiet attriċi jintlaqgħu dawn ikunu jistgħu jiġu nseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni. *Inoltre*, il-kliem "*the said*" iridu jiġu kanċellati minn taħt il-kolonna li tindika d-dettalji ta' l-omm tat-tarbija u l-kunjom tal-minuri għandu jiġi korrett ukoll jekk it-talbiet attriċi jintlaqgħu.

4. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artikolu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m'huwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-intimat, li

għaldaqstant m'għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta' l-istanti.

6. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu x'jissottometti l-esponent għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut B, ippreżentata fit-18 ta' Ottubru, 2007, li permezz tagħha espona bir-rispett u bil-ġurament ikkonferma:

1. Illi huwa jaqbel li t-tifla minuri C m'hijiex il-wild naturali tiegħu u fil-fatt huwa ppreżenta kawża ta' denegata paternita' fl-ismijiet "B vs A et" (Rikors Nru. ________) sabiex jiġi dikjarat li m'huwiex missier l-istess tarbija, liema kawża (mhux bħalissa appuntata) għandha tinstema' konġuntivament mal-kawża odjerna.

2. Illi *stante* ċ-ċirkostanzi l-eċċipjenti m'għandux ibati ebda spejjeż tal-kawża odjerna.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-ammissjoni tal-konvenuti D u B.

Rat l-atti proċesswali, u senjatament l-affidavit ta' l-attriċi, ta' D, u ta' *omissis*, kif ukoll il-kuntratt pubbliku a fol 22 li bih il-konvenut D iddikjara l-paternita' tiegħu fir-rigward tal-wild imsemmi, kif ukoll l-affidavit tal-konvenut B.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Frar, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qegħda titlob dikjarazzjoni li t-tarbija li kellha, u reġistrata bħala bint ir-raġel tagħha, m'hijiex it-tifla naturali tiegħu. Il-konvenut D ammetta permezz ta' att pubbliku, kif għamel ukoll fl-affidavit tiegħu. L-istess għamel żewġ l-

attriċi permezz ta' l-affidavit tiegħu, u l-Kuraturi baqgħu mhux edotti bil-fatti.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Josianne Giusti vs Pierre Giusti et deċiża fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk;

"*Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iż-żmien ma kellhiex x'taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodiċi Civili (Spiteri pro et noe vs Cilia et, fost oħrajn 30 ta' Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li waħedha mhux biżżejjed (Art. 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili), meħuda ma' dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubju f'moħħ il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*"

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f'din il-kawża u ma hemm ebda dubju dwar it-talba ta' l-attriċi u anke f'dan il-każ hemm ammissjoni ċara. Barra hekk ġie esebit ukoll it-test tad-DNA li jkompli jikkonferma dan.

**Għaldaqstant il-Qorti:**

**1. tilqa' l-ewwel talba;**

2. **tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jirreġistra l-korrezzjonijiet neċessarji (kompriż dak indikat fl-eċċezzjoni tiegħu) fl-att tat-twelid numru ____ tas-sena ____ tal-minuri msemmija billi jiġu mniżżla l-konnotati tal-konvenut D kif indikati fit-tieni talba stess.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------